MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 261/2006

Kawza fil-lista: 43

**A B**
**vs**
**C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab hekk:

1. Illi l-attur kien f’ relazzjoni intima mal-konvenuta, u mir-relazzjoni taghhom kellhom tifel jismu Axl, u dan kif jidher fl-anness dokument certifikat tar-Registru Pubbliku markat Dok A;

2. Illi Axl twieled fl-14 ta’ Awissu 2003;

3. Illi l-attur jixtieq li jkollu access ghat-tifel tieghu b' mod regolari u b' mod konsistenti li jifi ffissat mill-Qorti, u dana peress li l-konvenuta minn rghajha stess twaqqaf lill-attur milli jara lill-ibnu;

4. Illi l-esponenti intavola ittra ghall-medjazzjoni, liema medjazzjoni ma ntlahaqx, u dan kif jidher mill-anness dokument markat B;

5. Illi l-esponenti rikorrenti jinforma lil din l-Onorabbli Qorti li kien hemm ftehim bejn il-partijiet li r-rikorrenti attur jara lill-ibnu kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Hamis bejn il-5.30pm u s-7.30pm u kull nhar ta' Sibt bejn id-9.00am u s-1.00pm;

6. Illi l-esponenti rikorrenti huwa ta' l-opinjoni li dana l-access ghandu jigi rivedut, stante l-fatt li r-rikorrenti attur dalwaqt ghandu jibda jahdem bix-shift 'day in day out' u jixtieq li t-tifel tieghu iqatta aktar zmien mieghu specjalment fil-vaganzi tas-Sajf, tal-Ghid u tal-Milied;

7. Illi r-rikorrenti esponenti qieghed permezz ta' dan ir-rikors guramentat jipprocedi sabiex jigi rregolat minn din l-Onorabbli Qorti, l-access ghar-rikorrenti esponenti ghat-tifel minuri tieghu Axl B;

Jghid l-istess konvenut prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex:

1. Tiffissa dati u hinijiet adegwati ghall-access ghall-attur sabiex ikollu dak l-access stabbilit, u konsegwentement tordna lill-intimata sabiex tikkonsenja il-minuri Axl B lir-rikorrenti, u dan taht dawk il-modalitajiet u provvedimenti li din il-Qorti tidrilha xieraq, u bl-ghajnuna jekk hemm bzonn ta' esperti nominati minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet:

1. Illi hija ma ghandha ebda oggezzjoni li l-attur jkollu access ghall-minuri Axl B, fi granet u hinijiet ohra u cioe' differenti minn dawk li kienu gew miftiehma bejn il-partijiet, liema granet u hinijiet kif miftiehma, kuntrarju ghal dak allegat mill-attur dejjem gew osservati mill-konvenuta.

2. Illi pero, il-konvenuta jidrilha illi it-tul ta' hin ta' access matul il-gimgha, ma ghandux jigi varjat minn dak ezistenti, peress illi dan it-tul ta' access tal-attur ghall-minuri huwa wiehed agegwat u ragonevoli.

Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt in subizzjoni.

Rat ir-rapport tas-Social Worker Therese Micallef minnha debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur talab li din il-Qorti tistabilixxi l-modalita' ta' l-access tieghu ghat-tifel Axl, li hu kellu minn relazzjoni mal-konvenuta.

Illi permezz tal-verbal registrat fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2007 il-partijiet iddikjaraw li huma jaqblu mar-rakkomandazzjonijiet maghmula mis-social worker fir-rapport taghha, ghajr ghal zewg punti relatati mal-hinijiet ta' l-accessi li jinzertaw mis-Sibt ghal Hadd, u fil-birthday tal-minuri.

Illi l-Qorti wara li ezaminat ir-rapport tas-social worker, ma tarax li hemm raguni ghaliex m' ghandhiex taddotta dawk ir-rakkomandazzjonijiet li dwarhom qabblu l-partijiet; bl-aggustament fil-hinijiet ta' l-access ta' bejn is-Sibt u l-Hadd, kif ser jigi hawn that indikat.

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u, filwaqt li tafferma d-dritt tieghu ta' access ghal Axl, iben il-partijiet, tordna li:

[1] L-access ta’ bejn il-missier ul-minuri jinzamm fuq bazi regolari.

[2] Waqt li l-minuri jkun ma’ missieru u l-familjari tieghu ma jinghad xejn kontra l-omm.

[3] L-access tal-minuri ma’ missieru jsir b’ dan il-mod:

- Matul il-gimgha – Nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Gimgha bejn il-5.30 ta’ wara nofsinhar sas-7.30 ta’ filghaxija;
- Fil-weekend – L-ewwel gimgha minn nhar il-Gimgha mill-5.30 ta’ wara nofsinhar sas-Sibt fit-8.00 ta’ filghaxija u l-gimgha ta’ wara minn nhar ta’ Sibt fit-8.45 ta’ filghodu sal-Hadd fis-1.30 ta’ wara nofs inhar;

[4] Il-festi pubblici jkunu divizi b’ mod ugwali ejn iz-zewg genituri. Meta l-minuri jkun immissu l-access mal-missier, dan l-access ikun ta’ gurnata, jigifieri bejn l-10.00 ta’ filghodu sas-6.00 ta’ filghaxija.

[5] Ghal Mother’s Day u ghal Birthday ta’ l-omm, il-minuri jibqa’ ma’ l-omm, u ghal Father’s Day u ghal Birthday tal-missier il-minuri jkun mal-missier bejn l-10.00 ta’ filghodu sas-6.00 ta’ filghaxija.

[6] Huwa mportanti li fil-Birthday tal-minuri, z-zewg genituri jkollhom hin mal-minuri, mqar ghal 4 sieghat, liema sieghat jistghu jkunu bejn l-4.00 ta’ wara nofsinhar sat-8.00 ta’ filghaxija.

[7] Il-missier ikun infurmat dwar l-andament in generali tal-minuri. Imma l-missier ikun infurmat specifikament dwar l-andament tal-minuri fl-iskola, inkluz dwar l-attivitajiet tal-iskola fejn il-genituri jistghu jattendu.

L-ispejjez jigu sopportati bejn il-partijiet konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------